**MALTA**

**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Maġistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 217/07VG**

**Eurocargo Freight Services Limited bħala mandatarja tas-soċjetà estera Parteno Group SrL**

**Vs**

**The Cargo Handling Company Limited u b'Digriet datat 29 ta' April 2009 Dr. Abigail Galea assumiet l-atti tal-kawża bħala stralċarju tal-kumpanija Cargo Handling u b'Digriet datat 12 ta' Frar 2008, ġew kjamati in kawża s-soċjetà Salv Meli & Sons Ltd. u Manolito Magri**

**Illum 22 ta' Novembru 2022**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat mis-soċjetà Eurocargo Freight Services Limited bħala mandatarja tas-soċjetà estera Parteno Group SrL fit-12 ta' Lulju 2007, permezz ta' liema titlob li The Cargo Handling Company Limited, illum l-atti ġew assunti minn Dr. Abigail Galea [Dr. Abigail Critien] bħala stralcarju ta' l-imsemmija The Cargo Handling Company Limited, tiġi kkundannata tħallasha s-somma komplessiva ta' tlett elef, sitt mija u erbgħa u sebgħin Lira Maltija u wieħed u tmenin ċenteżmu (Lm3,674.81), illum ekwivalenti għal tmint elef ħames mija u sittin Euro (€8,560), in kwantu għas-somma ta' Lm3,245.51, illum ekwivalenti għal €7,560, rappreżentanti l-prezz ta' tiswijiet, tibdiliet u xogħlijiet oħra varji u neċessarji, u in kwantu għar-rimanenti Lm429.30, illum ekwivalenti għal €1,000, rappreżentanti l-*loss of use* tat-trailer proprjetà tas-soċjetà Parteno Group SrL, numru AD14579, dana kollu minħabba li fit-30 ta' April 2006 dan it-trailer ġie danneġġjat waqt li kien taħt il-kustodja u r-responsabilità The Cargo Handling Company Limited jew ta' persuni mqabbdin minnha, u dana minħabba negliġenza u/jew inkompetenza The Cargo Handling Company Limited jew ta' tali persuni imqabbdin minnha, bl-imgħaxijiet kummerċjali mid-data ta' l-inċident u bl-ispejjeż, inklużi dawk taż-żewġ ittri legali kif ukoll dawk ta' l-ittra uffiċjali datata 13 ta' Ġunju 2006, kontra The Cargo Handling Company Limited;

Rat ir-Risposta tas-soċjetà The Cargo Handling Company Limited permezz ta' liema teċċepixxi li: (i) preliminarjament is-soċjetà attriċi trid ġġib prova tal-mandat li hija

qiegħda tivvanta; (ii) preliminarjament ukoll, illi t-talbiet tas-soċjetà attriċi kif diretti kontra tagħha huma preskritti a tenur ta' l-Artikolu 65 tal-Kap.352 tal-Liġijiet ta' Malta; (iii) subordinatament u bla preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preliminari, jinkombi fuq is-soċjetà attriċi li tipprova li l-allegati danni u nuqqasijiet seħħew waqt li t-trailer de quo kien taħt il-kontroll effettiv u superviżjoni assoluta tas-soċjetà The Cargo Handling Company Limited u li l-istess trailer ġie konsenjat lilha mingħajr l-istess danni u nuqqasijiet; (iv) bla preġudizzju għall-eċċezzjonijiet l-oħra, it-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li s-soċjetà The Cargo Handling Company Limited mhiex responsabbli għall-allegati danni u nuqqasijiet lamentati iżda dejjem qdiet l-obbligi tagħha skond il-Liġi; (v) subordinatament u bla preġudizzju għall-eċċezzjonijiet l-oħra, l-ammont pretiż huwa eċċessiv u għalhekk ukoll huwa kontestat;

Rat li b'Digriet datat 12 ta' Frar 2008[1], ġew kjamati in kawża s-soċjetà Salv Meli & Sons Limited u Manolito Magri;

Rat ir-Risposta tas-soċjetà kjamata in kawża Salv Meli & Sons Limited permezz ta' liema teċċepixxi li: (i) fl-ewwel lok u preliminarjament is-soċjetà attriċi għandha ġġib il-prova tal-mandat tagħha; (ii) preliminarjament ukoll u bla preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni preliminari, in-nullità ta' l-avviż stante li la ntalbet dikjarazzjoni ta' responsabilità għall-allegata ħsara u lanqas il-likwidazzjoni tad-danni iżda ntalbet kundanna ta' ammont determinat b'mod soġġettiv u ex parte; (iii) preliminarjament ukoll u mingħajr preġudizzju għall-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari, l-illeġittimità tagħha stante li la kellha u lanqas għandha ebda relazzjoni ġuridika mal-mandanti tas-soċjetà attriċi nomine; (iv) bla preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preliminari, fil-mertu hija ma kellha ebda konnessjoni jew rabta ma' l-inċident allegat u li b'riżultat tiegħu ġew kkawżati d-danni reklamati u ma għamlet xejn b'negliġenza, inkompetenza jew bi traskuraġni jew naqset milli tagħmel xi ħaġa li kkawżat il-ħsara allegata w imputata;

Rat li l-kjamat in kawża Manolito Magri ġie notifikat bir-Rikors promotur fid-9 ta' Mejju 2009[2] iżda baqa' ma ppreżenta l-ebda Risposta għat-talbiet attriċi. Rat illi fit-30 ta' Novembru 2009 is-soċjetà attriċi ppreżentat Kapitolu fil-konfront tal-kjamat in kawża Manolito Magri[3] iżda huwa naqas milli jidher għas-seduta ffissata għall-1 ta' Frar 2010 u għaldaqstant l-istess Kapitolu jirriżulta mistqarr[4];

Rat id-dokumenti markati Dok. "E1" sa' Dok. "E8" esebiti mis-soċjetà attriċi permezz ta' Nota ppreżentata fit-28 ta' Jannar 2008 a fol. 11 sa' 28 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' George Vassallo mogħtija waqt is-seduti tat-12 ta' Frar 2008[5] u tad-9 ta' April 2019[6] u x-xhieda ta' James Borg mogħtija waqt is-seduta ta' l-14 ta' April 2008[7], semgħet ix-xhieda tal-Purtier Charles Cassar mogħtija waqt is-seduta tal-21 ta'

[1] Fol. 29 tal-proċess.
[2] Fol. 90 tal-proċess.
[3] Fol. 92 tal-proċess.
[4] Vide verbal tas-seduta ta' l-1 ta' Frar 2010 a fol. 94 tal-proċess.
[5] Fol. 31 sa' 35 tal-proċess.
[6] Fol. 214 sa' 218 tal-proċess.
[7] Fol. 51 sa' 53 tal-proċess.

Ottubru 2008[8] u x-xhieda ta' Carmel Meli mogħtija waqt is-seduta tal-11 ta' Novembru 2008[9], rat d-dokument markat Dok. "SMS1" esebit mis-soċjetà kjamata in kawza Salv Meli & Sons Limited permezz ta' Nota ppreżentata fil-25 ta' Novembru 2008 a fol. 82 u 83 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Yvette Grech mogħtija waqt is-seduta tal-25 ta' Novembru 2008[10] u rat id-dokument markat Dok. "P" esebit mis-soċjetà attriċi permezz ta' Nota ppreżentata fl-20 ta' Mejju 2011 a fol. 107 u 108 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Carmelino Mifsud mogħtija waqt is-seduti tat-30 ta' Mejju 2011[11] u tas-16 ta' April 2018[12] u x-xhieda ta' Dr. Robert Vassallo, in rappreżentanza ta' Transport Malta[13] mogħtija waqt is-seduta tat-30 ta' Mejju 2011, semgħet ix-xhieda ta' Enrico Overend[14] u ta' Joseph Piccinino[15] mogħtija waqt is-seduta ta' l-10 ta' Jannar 2012, semgħet ix-xhieda ta' Ronnie Pellegrini mogħtija waqt is-seduta ta' l-4 ta' Frar 2013[16] u x-xhieda ta' Godfrey Scicluna mogħtija waqt is-seduta ta' l-4 ta' April 2013[17], semgħet ix-xhieda ta' Doreen Curmi mogħtija waqt is-seduta tas-16 ta' Ottubru 2017[18];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tas-soċjetà attriċi a fol. 229 sa' 236 tal-proċess u rat in-Nota Responsiva tal-konvenuta a fol. 238 sa' 246 tal-proċess. Rat ukoll in-Nota ta' Sottomissjonijiet tas-soċjetà kjamata in kawża Salv Meli & Sons Limited a fol. 246 sa' 249 tal-proċess;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proċeduri odjerni s-soċjetà attriċi, bħala mandatarja tas-soċjetà estera Parteno Group SrL, titlob li The Cargo Handling Company Limited, l-atti llum ġew assunti minn Dr. Abigail Critien bħala stralċarju ta' The Cargo Handling Company Limited, tiġi ikkundannata tħallasha s-somma komplessiva ta' **€8,560**, konsistenti fis-somma ta' €7,560 rappreżentanti l-prezz ta' tiswijiet, tibdiliet u xogħlijiet oħra varji u neċessarji u fis-somma ta' €1,000 rappreżentanti l-*loss of use* tat-trailer proprjetà tas-soċjetà Parteno Group SrL, numru AD14579, u dana billi fit-30 ta' April 2006 l-imsemmi trailer ġie danneġġjat waqt li kien taħt il-kustodja u r-responsabilità The Cargo Handling Company Limited jew ta' persuni mqabbdin minnha, u dana minħabba negliġenza u/jew inkompetenza The Cargo Handling Company Limited jew ta' tali persuni imqabbdin minnha.

Is-soċjetà The Cargo Handling Company Limited laqgħet għat-talba attriċi bis-segwenti eċċezzjonijiet: (i) preliminarjament is-soċjetà attriċi trid ġġib prova tal-mandat li hija qiegħda tivvanta; (ii) preliminarjament ukoll, illi t-talbiet tas-soċjetà attriċi kif diretti kontra tagħha huma preskritti a tenur ta' l-Artikolu 65 tal-Kap.352

[8] Fol. 59 u 60 tal-proċess.
[9] Fol. 76 u 77 tal-proċess.
[10] Fol. 84 sa' 86 tal-proċess.
[11] Fol. 113 sa' 115 tal-proċess.
[12] Fol. 199 u 200 tal-proċess.
[13] Fol. 116 tal-proċess.
[14] Fol. 123 sa' 125 tal-proċess.
[15] Fol. 126 sa' 128 tal-proċess.
[16] Fol. 154 sa' 157 tal-proċess.
[17] Fol. 159 sa' 166 tal-proċess.
[18] Fol. 190 sa' 193 tal-proċess.

tal-Liġijiet ta' Malta; (iii) subordinatament u bla preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preliminari, jinkombi fuq is-soċjetà attriċi li tipprova li l-allegati danni u nuqqasijiet seħħew waqt li t-trailer de quo kien taħt il-kontroll effettiv u superviżjoni assoluta tas-soċjetà The Cargo Handling Company Limited u li l-istess trailer ġie konsenjat lilha mingħajr l-istess danni u nuqqasijiet; (iv) bla preġudizzju għall-eċċezzjonijiet l-oħra, it-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li s-soċjetà The Cargo Handling Company Limited mhiex responsabbli għall-allegati danni u nuqqasijiet lamentati iżda dejjem qdiet l-obbligi tagħha skond il-Liġi; (v) subordinatament u bla preġudizzju għall-eċċezzjonijiet l-oħra, l-ammont pretiż huwa eċċessiv u għalhekk ukoll huwa kontestat.

Is-soċjetà The Cargo Handling Company Limited talbet u ottjeniet il-kjamata in kawża tas-soċjetà Salv Meli & Sons Limited u ta' Manolito Magri.

Is-soċjetà kjamata in kawża Salv Meli & Sons Limited laqgħet għat-talba attriċi bis-segwenti eċċezzjonijiet: (i) fl-ewwel lok u preliminarjament is-soċjetà attriċi għandha ġġib il-prova tal-mandat tagħha; (ii) preliminarjament ukoll u bla preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni preliminari, in-nullità ta' l-avviż stante li la ntalbet dikjarazzjoni ta' responsabilità għall-allegata ħsara u lanqas il-likwidazzjoni tad-danni iżda ntalbet kundanna ta' ammont determinat b'mod soġġettiv u ex parte; (iii) preliminarjament ukoll u mingħajr preġudizzju għall-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari, l-illeġittimità tagħha stante li la kellha u lanqas għandha ebda relazzjoni ġuridika mal-mandanti tas-soċjetà attriċi nomine; (iv) bla preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preliminari, fil-mertu hija ma kellha ebda konnessjoni jew rabta ma' l-inċident allegat u li b'riżultat tiegħu ġew kkawżati id-danni reklamati u ma għamlet xejn b'negliġenza, inkompetenza jew bi traskuraġni jew naqset milli tagħmel xi ħaġa li kkawżat il-ħsara allegata w imputata.

Il-kjamat in kawża Manolito Magri għad illi notifikat bir-Rikors promotur fid-9 ta' Mejju 2009[19], baqa' ma ppreżenta l-ebda Risposta għat-talbiet attriċi u lanqas deher biex jirrispondi għall-Kapitolu ppreżentat fil-konfront tiegħu mis-soċjetà attrici fit-30 ta' Novembru 2009, bil-konsegwenza li tali Kapitolu jirriżulta mistqarr[20].

F'dan l-istadju l-Qorti tħoss li għandha tagħmel is-segwenti osservazzjoni, ormai ben stabbilita fis-sistema ġuridika nostrali, dwar il-valur probatorju tal-Kapitolu, ossia li *filwaqt li hu veru li l-kapitoli, meta s-subent ma jkunx wieġeb għalihom u ma jkunx iġġustifika l-kontumaċja, għandhom jitqiesu bħala konfessjoni, imma dan ma jfissirx li l-Qorti hija obbligata toqgħod dejjem fuq dik il-preżunta konfessjoni. Is-subizzjoni, osservat il-Qorti, hija sempliċi mezz ta' prova, u għandha tiġi eżaminata u valjata flimkien mal-provi l-oħra kollha tal-kawża, b'mod illi jekk il-kapitoli ma jkunux konfaċenti mal-provi l-oħra tal-kawża, u l-Qorti jidhrilha li għandha tagħti prevalenza lil dawk il-provi l-oħra, il-konfessjoni preżunta derivanti mis-subizzjoni għandha ċċedi quddiem dawk il-provi l-oħra*[21].

---

[19] Fol. 90 tal-proċess.
[20] Vide verbal tas-seduta ta' l-1 ta' Frar 2010 a fol. 94 tal-proċess.
[21] Trapani v. Cilia deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fit-28 ta' April 2000 u Bank of Valletta p.l.c. v. Joseph Balzan et, Ċitaz. Nru. 84/02 deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-26 ta' Ġunju 2003.

Fid-dawl ta' tali prinċipju ġuridiku jsegwi li l-Qorti għandha, qabel ma tasal għall-konklużjonijiet Tagħha, tikkonsidra l-provi kollha prodotti tul is-smigħ ta' dawn il-proċeduri għall-fini li tiddetermina l-fatti riżultanti mill-istess u mhux sempliċement u awtomatikament tistrih fuq il-Kapitolu ppreżentat fil-konfront tal-kjamat in kawża Manolito Magri.

Magħmula din l-osservazzjoni, il-Qorti tqis li qabel ma tittratta t-talba attriċi fil-mertu għandha tittratta wħud mill-eċċezzjonijiet preliminari sollevati mis-soċjetà The Cargo Handling Company Limited u mis-soċjetà kjamata in kawża Salv Meli & Sons Limited, u dana senjatament is-segwenti eċċezzjonijiet:

- L-eċċezzjoni li s-soċjetà attriċi trid tressaq prova dwar il-mandat li hija tikkontendi li għandha vis-à-vis is-soċjetà estera Parteno Group SrL, sollevata kemm mis-soċjetà The Cargo Handling Company Limited kif ukoll mis-soċjetà kjamata in kawża Salv Meli & Sons Limited;
- L-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ai termini ta' l-Artikolu 65 tal-Kap. 352 tal-Liġijiet ta' Malta sollevata mis-soċjetà The Cargo Handling Company Limited; u
- L-eċċezzjoni tan-nullità tar-Rikors promotur minħabba nuqqas ta' talba ta' dikjarazzjoni ta' responsabilità għall-allegati danni u ta' talba għall-likwidazzjoni tad-danni, sollevata mis-soċjetà kjamata in kawża Salv Meli & Sons Limited.

Għalkemm is-soċjetà kjamata in kawża sollevat ukoll l-eċċezzjoni li ma hijiex il-leġittimu kontradittur tas-soċjetà attriċi, il-Qorti tqis li din l-eċċezzjoni tista' u għandha tiġi trattata flimkien mal-mertu.

**Prova tal-mandat tas-soċjetà attriċi:**

Kemm The Cargo Handling Limited u s-soċjetà kjamata in kawża Salv Meli & Sons Limited jesiġu li s-soċjetà attriċi tressaq prova tal-mandat mogħti lilha mis-soċjetà estera Parteno Group SrL.

Fir-rigward is-soċjetà attriċi esebit Prokura datata 29 ta' Mejju 2006 - Dok. "P" a fol. 108 tal-proċess - minn liema jirriżulta s-segwenti: *I, Mario Loffredo, holder of Italian Passport no. B743073, Date of issue 13/DEC 2003 acting for and on behalf of Parteno Group SrL a company set up under the laws of the Republic of Italy with registered office address at Via Pozzo Bianco 6, - Volla (NA) Italy, EU registered with Company Registration Number (492441) do hereby appoint and nominate individually and/or jointly and severally: Eurocargo Freight Services Limited, a company constituted under the Laws of Malta bearing Company registration no. 24843, of Flat 2, Christopher Flats, G. Debono Square, Msida, as my special attorney and empower it to represent ourselves in judicial proceedings filed before the Courts of Malta and to file or to respond to in the name of ourselves and on our behalf any judicial act, application or writ of summons of any nature whatsoever, including the commencement of special summary proceedings and the making of any affidavits connected therewith. The said Attorneys are empowered to file defences, effect compromises, make appeals, withdraw proceedings, obtain the issuance of precautionary and executive measures and file all other pleadings of any nature whatsoever, settle any amounts due by us and receive moneys due to us in connection with the said proceedings. Furthermore, all other necessary and*

*opportune powers are hereby conferred upon the said attorney for the full and proper execution of the above, including the power to delegate in writing to another person or other persons the authority hereby conferred. We furthermore ratify and confirm all steps and proceedings which our said Attorney may already have taken in our name and on our name and on our behalf.*

Fil-fehma tal-Qorti din il-Prokura tipprova b'mod sodisfaċenti l-mandat li s-soċjetà estera Parteno Group SrL tat lis-soċjetà Eurocargo Freight Services Limited biex tagixxi bħala mandatarju tagħha fil-proċeduri odjerni. Konsegwentement tqis li fid-dawl ta' tali dokument ma għandhiex għalfejn tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' l-ewwel eċċezzjoni preliminari kemm tas-soċjetà The Cargo Handling Company Limited kif ukoll is-soċjetà kjamata in kawża Salv Meli & Sons Limited.

**Preskrizzjoni ai termini ta' l-Artikolu 65 tal-Kap.352 tal-Liġijiet ta' Malta:**

L-Artikolu 65 tal-Kap.352 tal-Liġijiet ta' Malta kien, fiż-żmien pertinenti għal dawn il-proċeduri, jipprovdi: *Minkejja d-disposizzjonijiet ta' kull liġi oħra, ma tista' tittieħed ebda azzjoni kontra l-Awtorità jew kuntrattur dwar ir-responsabilitajiet tagħhom taħt dan l-Att jew għal xi telf jew ħsara li ssir lil xi persuna, bastiment, oġġetti, vetturi jew ħwejjeġ oħra huma x'inhuma* ***abbord ta' bastiment*** *kemm-il darba - (1) Talba bil-miktub, li tagħti dawk il-partikolartaijiet li jistgħu jkunu b'mod xieraq meħtieġa, ma tingħatax lill-Awtorità jew lill-kuntrattur, skond il-każ, mhux iktar tard minn sitt xhur mid-data li fiha l-oġġetti kienu aċċettati mill-Awtorità jew mill-kuntrattur; (b) l-azzjoni ma tinbediex fi żmien tnax-il xahar mill-imsemmija data. Iżda l-Awtorità jew il-kuntrattur, skond il-każ jista jestendi ż-żmien speċifikat fil-paragrafu (a) b'dak iż-żmien l-ieħor ta mhux iżjed minn sitt xhur li jidhrilha xieraq jekk ikun sodisfatt li t-talba ma setgħetx issir b'mod xieraq fi żmien speċifikat kif intqal qabel. Iżda wkoll l-Awtorità jew il-kuntrattur, skond il-każ, ma jkunx responsabbli għal aktar mill-limiti jew mill-ammonti stabbiliti b'liġi, jew f'dawk iċ-ċirkostanzi li jistgħu jkunu preskritti.*

Minn eżami ta 'dan il-provvediment tal-Liġi jirriżulta li dak fih provdut japplika biss għal xi telf jew ħsara li ssir lil xi persuna, bastiment, oġġetti, vetturi jew ħwejjeġ oħra, huma x'inhuma, abbord bastiment. Fil-każ in eżami però l-ħsara u dannu reklamat mis-soċjetà attriċi seħħ wara li t-trailer in kwistjoni nħatt minn fuq il-vapur u waqt li kien qiegħed f'Laboratory Wharf. Kemm George Vassallo[22], dak iż-żmien Direttur tas-soċjetà attriċi, kif ukoll James Borg, dak iż-żmien inkarigat mill-operations tat-trailers tas-soċjetà attrici, iddikjaraw li sabu t-trailer bis-saqajn mgħawġin u wiċċu 'l isfel f'Laboratory Wharf. Yvette Grech[23], li dakinhar ta 'l-inċident in kwistjoni kienet tinsab ħdejn it-trailers, iddikjarat illi *fl-2006 jiena kont naħdem ma ditta tat-trailers u ta spiss kienu jidħlulna t-trailers bil-lejl u meta nkunu nafu li jkun hemm xi trailer li jkun refrigerated konna ninżlu x-xatt sabiex naċċertaw ruħna li hemm fuel biżżejjed sabiex ir-refrigeration jibqa għaddej u naraw li kollox ikun sew. Dakinhar jiena kont qed niċċekkja t-trailers tagħna, tal-Combinate Transport Services. Kien hemm trailer li kien għadu kif tniżżel minn fuq il-vapur u li kien tal-Parteno għax kellu dan il-logo fuqu u rajt f'daqqa waħda ċedew is-saqajn ta*

[22] Vide xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-12 ta' Frar 2008, fol. 31 sa' 35 tal-proċess.
[23] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-25 ta' Novembru 2008, fol. 84 sa' 86 tal-proċess.

*quddiem u niżel. It-trailer kien free standing u jiena kont ħdejh peress li t-trailer tagħna kien hemm. Smajna ħoss kbir u rajt it-trailer jegħleb. Normalment ikun hemm rappreżentant tal-Eurocargo iżda din id-darba ma kienx hemm. Dam ftit ma ġie u għalhekk peress li kelli l-mobile ċempiltilhom u avżajthom b'dak illi kien ġara. Dan it-trailer partikolari ma ratjux jiġi trasportat minn fuq il-vapur għal post fejn kien imqiegħed. Rajtu mill-ewwel hemmhekk. Jiena kont akkumpanjata mill-burdnar Godfrey Scicluna tal-Mickons.*

Fid-dawl ta 'dan il-fatt għalhekk jirriżulta li din id-disposizzjoni tal-Liġi, ossia l-Artikolu 65 tal-Kap.352 tal-Liġijiet ta 'Malta, ma tapplikax għall-każ in eżami. Konsegwentement l-ewwel eċċezzjoni preliminari sollevata mis-soċjetà The Cargo Handling Company Limited għandha tiġi miċħuda.

**Nullità tar-Rikors promotur:**

Is-soċjetà kjamata in kawża Salv Meli & Sons Limited teċċepixxi n-nullità tar-Rikors promotur stante li la ntalbet dikjarazzjoni ta 'responsabilità għall-allegata ħsara u lanqas ma ntalbet il-likwidazzjoni tad-danni iżda ntalbet kundanna ta 'ammont determinat b'mod soġġettiv u ex parte.

Fir-rigward ta 'tali eċċezzjoni l-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Maltacom p.l.c. v. Angelo Schembri, Appell Ċivili Nru.1575/98** deċiża mill-Qorti ta 'l-Appell (Sede Inferjuri) fis-16 ta 'Diċembru 2002, fejn għall-eċċezzjoni tal-konvenut f'dawk il-proċeduri li t-talbiet attriċi kellhom jiġu miċħuda għaliex it-talba attriċi għall-ħlas tad-danni ma ġietx preċeduta b'talba għad-dikjarazzjoni ta ' responsabilità għad-danni, ġie osservat illi *id-difett allegat mill-konvenut ma għandu l-ebda bażi fil-liġi in kwantu jikkonċerna proċeduri fil-qrati ta kompetenza inferjuri. Dan għaliex dik il-Qorti mhiex marbuta bil-kawżali ta l-avviż. Dan hu hekk evidenti minn sempliċi paragun bejn l-Art. 171 u l-Art. 156 tal-Kap.12. L-ifformular ta l-avviż hu anqas solenni minn dak dispost fir-rigward taċ-ċitazzjoni fil-qrati taġ urisdizzjoni superjuri. Suffiċit li fl-att promotur taħt il-firma tar-Reġistratur ikun hemm "l-isem u l-kunjom ta l-attur u tal-konvenut, it-talba ta l-attur, u il-jum u l-ħin meta l-konvenut għandu jidher". Mhux hekk biss però in kwantu t-talba dikjaratorja pre-ordinata għall-kundanna mhiex rekwiżit 'sine qua non li mingħajrha l-avviż hu monk. Hu paċifiku fil-ġurisprudenza Maltija illi d-domanda tista tiġi nferita jew sostenuta "per equipollens". (Vol. XXXVI pI p105). U billi d-domanda għal kundanna għall-ħlas tas-somma tad-danni għandha impliċita fiha r-responsabilità li tat lok għal dawk id-danni ma hijiex irritwali d-domanda li biha tintalab il-kundanna mingħajr ma jkun hemm ukoll fl-Avviż it-talba għad-dikjarazzjoni tar-responsabilità. Jinsab in fatti stabbilit illi "id-dikjarazzjonijiet li talvolta jkunu meħtieġa biex l-attur jasal għal xi waħda mid-domandi tiegħu, m'hemmx bżonn li jsiru fiċ-ċitazzjoni taħt forma ta domandi". (Vol. XXXIII pI p666).*

In kwantu rigward l-kontestazzjoni tas-soċjetà kjamata in kawża għall-fatt li s-soċjetà attriċi qed titlob il-ħlas ta' danni determinati u ma ressqitx talba għall-likwidazzjoni tad-danni, il-Qorti tqis li l-mod kif is-soċjetà attriċi għażlet li timposta it-talba tagħha bl-ebda mod ma jista' jwassal għan-nullità tar-Rikors promotur. Bħal kull fattur ieħor

fil-kuntest ta' proċeduri ġudizzjarji, u iktar u iktar fil-kuntest ta' proċeduri għall-ħlas tad-danni, is-soċjetà attriċi naturalment għandha l-oneru li tipprova li d-danni minnha reklamati, ossia s-somma ta' €7,560 rappreżentanti l-prezz ta' tiswijiet, tibdiliet u xogħlijiet oħra varji u neċessarji fit-trailer bin-Numru AD14579 di proprjetà tas-soċjetà Parteno Group SrL u s-somma ta' €1,000 rappreżentanti l-*loss of use* tat-trailer in kwistjoni, ġew effettivament subiti u inkorsi.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat il-Qorti tqis li t-tieni eċċezzjoni preliminari sollevata mis-soċjetà kjamata in kawża ma hijiex ġustifikata u bħala tali ma għandhiex tiġi milqugħa.

**Azzjoni fil-mertu:**

Kif già iktar 'l fuq osservat, is-soċjetà attriċi tikkontendi li nhar it-30 ta' April 2006 it-trailer bin-Numru AD14579, di proprjetà tas-soċjetà Parteno Group SrL, sofra ħsarat waqt li kien jinsab taħt il-kustodja tas-soċjetà The Cargo Handling Limited u/jew ta' persuna/i nkarigati minnha. George Vassallo[24], fiż-żmien in kwistjoni Direttur tas-soċjetà Rikorrenti, spjega li *fl-1 ta' Mejju 2006 fil-11:00p.m. rċevejt telefonata li dan it-trailer waqa' ma' l-art u ġie danneġġjat u mort fuq il-post. Hemmhekk iltqajt ma' Yvette Attard ta' Combinate Transport illi waqt illi kienet qed tissorvelja x-xogħol tal-kumpanija tagħha rat it-trailer jaqa' u kkomunikat ma' James Borg impjegat tagħna li ċempel lili. Jiena mort inkellem lil Lino Mifsud li kien inkarigat mill-personnel tal-Cargo Handling dak il-ħin, ġie jara t-trailer u qalli li kellu l-mezz sabiex jerġa' jpoġġieh f'postu. Kellimt ukoll lil Manolito Magri li huwa d-driver impjegat mill-Cargo Handling li wassal il-container minn fuq il-vapur, ipparkjah u mbagħad meta reġa' lura sabu ma' l-art. Waqa' waħdu. Biex ikun preċiż Manolito Magri huwa impjegat ma' Salvu Meli li huwa s-subcontractor tal-Cargo Handling. Ftit wara s-Sur Magri ġab fork lifter kbir, għollejna l-container u stajt nara d-danni wara li għamilnielu trussel taħt biex joqgħod sod. Stajt nara li t-trailer kellu ħsarat fis-saqajn, fit-tank tad-diesel li infaqa', fl-istruttura fejn jintrabtu s-saqajn tax-chassis u l-pallet carrier. It-trailer kien ġdid fjamant. Kellu biss erbat ijiem.*

In kwantu rigwarda l-mod kif seta' ġara li t-trailer in kwistjoni nqaleb u sofra l-ħsarat ravviżati minn George Vassallo, l-istess Vassallo ddikjara *meta jasal il-vapur bil-container l-ewwel li ma jieħu nkarigu minnu huwa l-kumpanija White Brothers illi tnizzel it-trailer minn fuq il-vapur għax-xatt. Meta jagħmlu hekk l-ewwel ħaġa li jagħmlu illi jqabbdu l-arja għall-brejkijiet u jitpoġġa fuq il-moll. Hawnhekk jidħol Salvu Meli u jerġa' jieħu t-trailer minn hemmhekk għal parking area però jiena naf b'ċertezza li Salvu Meli ma jerġax iqabbad l-arja għall-brekijiet. Meta jidħol id-driver ta' Salvu Meli l-ewwel ħaġa li jagħmel jagħfas ir-release button u jirrilisja l-brejkijiet u mbagħad isuqu sal-parking area mingħajr brejkijiet. Meta t-trailer ikun ipparkjat u jiġi biex jaqla' ż-żiemel mill-container la ir-roti tat-trailers fejn ikun hemm il-container ma jkunux ibbrekjati, hekk kif iniżżel is-saqajn ta' quddiem li huma solidi l-karru bil-container jitbandal xi ftit u dik it-tbandila bil-piż li jkollu l-container ġo fih hija biżżejjed biex jitgħawwġu l-posti ta' quddiem tal-container, tal-karru u jitgħawweġ. Dina hija ħaġa li tiġri ta' spiss u rajtha ssir u għalxejn*

[24] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-12 ta' Frar 2008, fol. 31 sa' 35 ta-proċess.

*ngħidilhom biex joqgħodu attenti u jkunu ċerti li qegħdin jibbrejkjaw anke r-roti tal-karru. ... Jekk il-karru jiċċaqlaq xi ftit wara li jitniżżlu l-posti ta' quddiem, dawn jistgħu jitgħawġu. Mentri kieku r-roti jkunu ibbrejkjati u locked f'dan il-każ it-trailer ma jitbandalx u l-posti jkunu sodi ma' l-art. Jiena ċert illi r-roti tal-karru ma kienux ibbrejkjati. Dana għaliex meta Magri ġab il-fork lifter biex jgħolli l-karru bit-trailer fuqu hekk kif beda jgħollieh, il-karru beda miexi lura u għidtlu biex jieqaf malajr. Dana waqaf, reġa' niżlu u kont jien li effettivament applikajt il-brejkijiet għar-roti tal-karru. Wara li sar dan imbagħad it-trailer seta' jitgħolla u jitqiegħed f'postu. ...*

In kontro-eżami George Vassallo[25] tenna li meta niżel Laboratory Wharf huwa kellem lil Manolito Magri li qallu *mort, ġejt u sibtu hekk, waqa' waħdu. ... Qalli ħallejtu hawn it-trailer sakemm mort inġib trailer ieħor u sibtu hawnhekk, waqa'. Qalli waqa' waħdu u jiena għidtlu waħdu ma jaqax Manolito. Imbagħad mort nirrapporta lil min kien in charge dak iż-żmien il-Cargo Handling - lis-Sur Lino Mifsud. Lino Mifsud qalli biex niktiblu. Bil-lejl ma ktibtlux u lanqas l-għada għaliex kienet festa u allura ktibtlu jumejn wara, imbagħad Manolito stess mar iġib forklifter kbir biex jerfgħu mill-art u nagħmlulu trussle taħtu u hu jerfgħu, it-trailer mexa u waqqaftu jien għaliex kien se jerġa' jwaqqgħu. Għidtlu biex iniżżel mill-ewwel u jiena mort warajh u bbrejkjajtu t-trailer, refgħu, għamilnielu t-trussle u qagħad fuq it-trussle. Imbagħad jumejn wara ħriġnieh biex immorru inbattluh.*

Dwar it-tiswija tal-ħsarat George Vassallo ddikjara li *jiena nfurmajt lil Parteno Group li kien hemm dan l-inċident u dawna qaluli sabiex nibgħat il-karru lura lejn l-Italja għaliex hemmhekk riedu jsiru tiswijiet speċjalizzati u jsir ukoll dak li huwa magħruf bħala crack test biex jiġi assigurat li l-karru ma ġralux ħsarat f'xi postijiet oħra, peress li dana ried ikun road worthy u ċertifikat. Hawn Malta m'hawn ħadd li jagħmel dan il-crack test u jiċċertifika l-karru bħala road worthy. Il-karru inbagħat għand il-casa costruttrice, il-Univan. Dina qabdet surveyor imbagħad żarmat il-fridge minn fuq il-chassis, sarlu l-crack test u rriżulta fin-negattiv, għalhekk imbagħad bdew it-tiswijiet. Inbidlulu s-saqajn, inbidel it-tank tad-diesel, il-pallet carrier u mountings kif hemm stabbilit fil-fattura.* Il-fattura li jagħmel referenza għaliha George Vassallo hija l-fattura esebita mis-soċjetà attriċi a fol. 27 tal-proċess. Dwar l-ammont li jirriżulta mill-fattur George Vassallo ddikjara li *f'dan il-każ m'aħniex qegħdin nitolbu IVA. Ahna qegħdin nitolbu biss l-ammont ta' ħsarat għat-tiswija plus il-loss of use, għalhekk l-ammont indikat bħala IVA fl-avviż irid jiġi mnaqqas.* Fir-rigward tal-*loss of use* George Vassallo ddikjara li *t-tiswijiet damu għaddejjin xi għaxart ijiem u saru mill-istess Univan. Għal dak li huwa loss of use qegħdin nitolbu mitt euro kull jum ħaqq il-prezz tal-leasing. In effetti l-loss of use jiswa ħafna iktar għax f'għaxart ijiem nagħmel ġiex vjaġġi u l-profitt ta' ġiex vjaġġi huma miżerament seba' mitt euro kull vjaġġ.*

James Borg[26], fiż-żmien in kwistjoni inkarigat mill-operations tat-trailers tas-soċjetà attriċi, xehed illi *dwar l-inċident, jiena kont id-dar. Kien bil-lejl, kont rieqed u nirċievi telefonata fuq il-mobile tal-mara mingħand Yvette Attard li naf li taħdem mad-ditta tal-Combinate u dina qaltli illi hemm trailer minn tagħna illi kien maqlub*

---

[25] Xhieda in kontro-eżami mogħtija waqt is-seduta tad-9 ta' April 2019, fol. 214 sa' 218 tal-proċess.
[26] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-14 ta' April 2008, fol. 51 sa' 53 tal-proċess.

*wiċċu l-isfel. Ċempilt lill-imgħallem tiegħi George Vassallo u nżilt mill-ewwel Laboratory Wharf fejn naf li kien hemm dan it-trailer. Kif wasalt hemmhekk rajt lit-trailer tagħna li kellu s-saqajn mgħawġin, allura kellu wiċċu l-isfel. Fuq il-post kien hemm ix-xufier li naf li jismu Manolito li jaħdem mad-ditta Salvu Meli li huwa is-subcontractor ta' Cargo Handling. ... Minbarra li kien wiċċu l-isfel* [it-trailer] *stajt ninnota li kien hemm it-tank tad-diesel mifqugħ u kien hemm id-diesel ma' l-art. It-trailer kien wieħed refrigerated u kellu x-xogħol ġo fih. Ir-rappreżentant tad-ditta Salvu Meli ġab fork lifter, ipposizzjona l-fork lifter fuq quddiem sabiex ngħollu it-trailer u npoġġu trussle taħtu. Dana sar però hekk kif għolla t-trailer mexa lura li jindika li ma kienx ibbrekjajt. ... Wara li poġġejna t-trussle quddiem tat-trailer ħalli ma jerġax jinżel ma' l-art ibbrejkjajnieh. Hija xi ħaġa normali fil-mistier illi meta t-trailer jieqaf dan bilfors jiġi bbrejkjat, altrimenti hemm il-possibilità illi jiċċaqlaq u jimxi waqt l-operazzjoni li jkun ser jinqala' miż-żiemel u jitpoġġa f'ieħor. Jiena naf però illi fil-prattika ġieli x-xufiera ma jibbrejkjawx it-trailer sabiex jiffrankaw dawk il-ftit sekondi. Ġieli jkollhom mas-sebgħin, tmenin trailer x'iħottu minn fuq il-vapur, f'liema każ allura jkunu jridu jgħaġġlu kemm jifilħu u għalhekk ipoġġu t-trailer mal-ewwel f'postu, jaqilgħu t-truck u jmorru biex iniżżlu trailer ieħor u ma jibbrejkjawhx.*

Kif già iktar 'l fuq osservat f'dawn il-proċeduri xehdet ukoll Yvette Grech[27] li dakinhar meta għeleb it-trailer mertu ta' dawn il-proċeduri kienet fl-istess akkwati tat-trailer u waqt li kienet qed tissorvelja t-trailers tad-ditta li kienet taħdem magħha, Combinate Transport Services, f'daqqa waħda rat li t-trailer tas-soċjetà Parteno Group SrL *ċedew is-saqajn ta' quddiem u niżel. It-trailer kien free standing u jiena kont ħdejh peress li t-trailer tagħna kien hemm. Smajna ħoss u rajt it-trailer jegħleb. ... Id-danni li rajt fuq it-trailer kienu limitati għas-saqajn u l-mutur peress illi waqa' fuqu.* In kontro-eżami Yvette Grech iddikjarat li *jiena wasalt ftit qabel ma kkrollaw is-saqajn tat-trailer u ma setgħax ikun ilu hemmhekk wisq peress illi l-burdnara kienu għadhom qegħdin iħottu t-trailers mill-vapur. Ma kienx l-aħħar wieħed illi tpoġġa hemmhekk peress illi d-ditta tiegħi kien għad fadlilha iktar trailers x'joħorġu mill-vapur.*

Godfrey Scicluna[28], li dakinhar ta' l-inċident kien jinsab Laboratory Wharf flimkien ma' Yvette Grech jispezzjona t-trailers ta' Combinate Transport, xehed illi *kont qed niċċekja t-trailers tagħna s-soltu, f'daqqa waħda smajna ħoss u morna naraw u rajna t-trailer waqa' minn fuq is-saqajn. ... Hu jmur il-quddiem u s-saqajn imorru lura. ... Qeleb il-quddiem. Ċedew is-saqajn f'kelma waħda.* Fir-rigward tal-ħsarat li ġarrab it-trailer, Godfrey Scicluna iddikjara *s-saqajn u parti mit-trailer minn quddiem, is-saqajn total loss jiġifieri jridu jinbidlu żgur. It-trailer ħa tisbita ta' ħames piedi hu.* Mistoqsi jekk it-trailer setgħax waqa' għaliex ma kienx ibbrejkjat, Scicluna wieġeb li ma setgħax jgħid jekk dana ġarax minħabba f'hekk jew le.

Carmelino Mifsud[29], li fiż-żmien in kwistjoni kien jaħdem mas-soċjetà The Cargo Handling Company Limited, xehed illi għad illi kien jaħdem ma' l-imsemmija soċjetà huwa ma kienx stazzjonat Laboratory Wharf, fejn seħħ l-inċident, u li s-Supervisor in kwistjoni kien Joseph Piccinino. Iddikjara wkoll li dak iż-żmien Laboratory Wharf

---

[27] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-25 ta' Novembru 2008, fol. 84 sa' 86 tal-proċess.
[28] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-4 ta' April 2013, fol. 159 sa' 166 tal-proċess.
[29] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-30 ta' Mejju 2013, fol. 113 sa' 115 tal-proċess.

kien jaqa' taħt id-direzzjoni tas-soċjetà The Cargo Handling Company Limited. Huwa spjega li s-sistema fir-rigward ta' ħatt ta' vapuri kienet taħdem bil-mod segwenti: *bħala ħatt mill-vapuri għall-art kienu jieħdu ħsiebu White Brothers imbagħad biex il-merkanzija mill-art tittieħed stack kienu jieħdu ħsieb Salv Meli & Sons*. Fir-rigward tal-każ partikolari li kien ġie rappurtat lilu minn George Vassallo għas-soċjetà attriċi, Carmelino Mifsud iddikjara li *fir-rigward ta' l-inċident tat-trailer mertu tal-kontestazzjoni niftakar li darba minnhom kont irċevejt telefonata u anki kien kellimni George Vassallo. Għalkemm jiena naf b'dan l-inċident, meta seħħ ma kontx fuq il-post. Peress illi jirriżulta li t-trailer inħatt fl-1 ta' Mejju allura hija festa pubblika u jaħdmu biss il-burdnara u mhux ukoll il-port workers, qed nassumi li l-vapur x'aktarx kien daħal il-ġurnata ta' qabel. Qed niġi mistoqsi dwar dokumentazzjoni fir-rigward ta' dan l-inċident ngħid li jiena personali m'għandix, ippruvajt inkellem lis-Sur Enrico Overend qabel is-seduta ta' llum, li fiż-żmien kien acting director u d-direttur kien Godwin Abela li illum mejjet. Għalkemm ippruvajt nagħmel kuntatt mas-Sur Overend, jiena ma rnexxilix. Id-dokumentazzjoni relattiva u dokumentazzjonijiet oħrajn kienu kollha nġabru ġo store. ... George Vassallo lili talabni nagħmel rimarka fuq ħsara li kien hemm fit-trailer. Madanakollu jiena għedtlu li mill-managing director kellna struzzjonijiet biex ma nagħmlux rimarki fuq ħsarat fit-trailer. ... Qed niġi mistqosi jekk nafx kif ġara l-inċident, ngħid li jiena m'għandix ideja. Meta t-trailer jitgħabba fuq it-truck, ikunu jridu jiġu ikkonettjati l-pipijiet ta' l-arja biex it-trailer jibrejkja wkoll*. Mistoqsi dwar kif isir checking tat-trailers li jkunu Laboratory Wharf, Carmelino Mifsud wieġeb *l-ewwel ma ngħid huwa li trid issir distinzjoni bejn dawk it-trailers li jkunu qed jiġu impurtati Malta biex jinħattu minn fuq il-vapur u dawk it-trailers li jgħaddu mill-bieb jiġifieri dawk li jkunu ser joħorġu minn Malta. Għal dawk it-trailers li jkunu ħerġin minn Malta mhux soltu jsir checking sakemm ma jkunx hemm xi ħadd li jiġbed l-attenzjoni fuq xi ħaġa. Fir-rigward ta' dawk li jkunu deħlin Malta, hu u nieżel it-trailer minn fuq il-vapur isir ic-checking mingħand it-tally clerk skond it-tally sheet li jkollu f'idejh, imbagħad jittieħdu to stack. Meta dawn jitqiegħdu to stack, jista' jkun li jiġi rappreżentant tal-consignee biex jiċċekkja t-trailer speċjalment meta jkun hemm oġġetti ta' friża minħabba t-temperatura. Jekk ikun hemm bżonn li tittieħed xi rimarka jiġbdulna l-attenzjoni għaliha u nerġa' ntenni li kellna ordni mill-managing director biex rimarki ma nieħdux. Meta t-trailer ikun għadu nieżel minn fuq il-vapur u xi ħadd jinnota xi daqqa forsi t-tally clerk ma jkunx induna biha, jistgħu jiġbdu l-attenzjoni tat-tally clerk u hu jagħmel ir-rimarka. It-trailer in kwistjoni kien trailer b'sitt roti u jkollu wkoll saqajn biex ikollu fuqiex joqgħod meta jkun nieżel minn fuq it-truck*. In kontro-eżami Carmelino Mifsud iddikjara li mill-informazzjoni li kellu t-trailer mertu ta' dawn il-proċeduri kien intiż li jidħol u fil-fatt iddaħħal Malta.

Enrico Overend[30], li fiż-żmien in kwistjoni wkoll kien jaħdem mas-soċjetà The Cargo Handling Company Limited, xehed li l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri ma jiftakrux u li fi kwalunkwe każ huwa ma kienx jara l-claims li jidħlu personalment iżda kien jgħaddihom lid-dipartiment tal-legal and claims. Fir-rigward tal-ġestjoni ta' Laboratory Wharf, Enrico Overend xehed illi *Laboratory Wharf huwa moll ġol-port u hemmhekk il-Cargo Handling kienet tiġġesti fir-rigward tal-merkanzija li kienet tidħol. Sub-contractors kien hemm u dawn kienu diversi. Ma kienx ikun*

[30] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-10 ta' Jannar 2012, fol. 123 sa' 125 tal-proċess.

*hemm sub-contractor għal areas speċifiċi, iżda skond l-eżigenzi li jkun hemm bżonn hu jitqabbad u jagħti s-servizz. Is-sub-contractors kienu minn tnejn sa' tlieta u dawn kienu, il-kuntrattur prinċipali kien Salvu Meli, iżda mbagħad jekk kien ikun hemm bżonn aktar għajnuna konna nġibu anke lil Gorg Pace u kien hemm ukoll it-tielet kuntrattur iżda peress li ma tantx qabbadnieh ma nistax niftakar min kien.* Enrico Overend ukoll ikkonferma li ma jafx fejn tinsab id-dokumentazzjoni li kellha s-soċjetà Cargo Handling Company Limited. Huwa ddikjara li meta kien daħal it-terminal operator il-ġdid, id-dokumentazzjoni kienet ittieħdet kollha fil-headquarters tal-General Workers Union iżda jafx eżatt fejn.

Joseph Piccinino[31], li fiż-żmien pertinenti għal dawn il-proċeduri kien impjegat mas-soċjetà The Cargo Handling Company Limited, xehed li dwar l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri ma jiftakarx id-dettalji u jista' jkun li kienu kellmuh dwaru iżda jista' jkun ukoll illi le. Dwar il-ġestjoni u operat f'Laboratory Wharf, Joseph Piccinino spjega li *fiż-żmien Laboratory Wharf kien taħt ir-responsabilità tal-Cargo Handling. Aħna konna nqabdu xi sub-contractors biex jagħmlu x-xogħol, speċjalment meta kien ikun hemm volum qawwi ta' xogħol. Id-drivers li kienu jġorru l-merkanzija mill-vapur għall-istacking areas kienu drivers tagħna però meta kien ikun hemm bżonn aktar għajnuna konna nqabdu sub-contractor, u ġeneralment kien jitqabbad Salvu Meli.* Mistoqsi jekk *sa' fejn taf inti kien jiġri li d-drivers ma kienux iqabbdu l-breaks biex iħaffu fix-xogħol, u konsegwentement jinqalgħu inċidenti minħabba f'hekk?* Joseph Piccinino wieġeb *aħna l-istruzzjonijiet tagħna dejjem kienu jkunu li għandhom jagħmluhom u jagħmluhom sew, issa again meta fil-każ fejn hemm is-sub contractor, dan id-drivers tiegħu relattivament aħna m'għandniex kontroll eżatt fuqhom. Dak għandu kontroll il-prinċipal tagħhom or min qabbadhom. Imma waqt li qed jaħdmu fl-operat jafu suppost biżżejjed li għandhom japplikaw il-breaks anke fejn jaqbad maż-żiemel. Dak hemm ċertu leaver, huma jgħidulu il-kelb biex jaqbad u jaqbad sew. Dawk ġieli kien hemm każi li dawk ma qabduhomx biex inkun qed ngħid il-verità.*

Mill-provi prodotti jirriżulta b'mod ċar li waqt li t-trailer ta' Parteno Group SrL kien qiegħed wieqaf f'Laboratory Wharf, dan inqaleb bil-konsegwenza li sofra ħsarat fis-saqajn, fil-mutur u fil-parti ta' quddiem tat-trailer. Għalkemm is-Survey Report ta' Athos Montesi baqa' qatt ma ġie kkonfermat bil-ġurament mill-istess Montesi u bħala tali l-Qorti tqis li dan ma jistax jitqies bħala prova valida, is-soċjetà attriċi ressqet provi oħra, konsistenti kemm fix-xhieda ta' nies impjegati u dirġenti magħha kif ukoll fix-xhieda ta' nies li ma għandhom l-ebda konnessjoni magħha u dokumentazzjoni, li jistabilixxu bħala fatt ippruvat li t-trailer in kwistjoni effettivament sofra ħsarat, liema ħsarat ġew riparati verso spiża komplessiva ta' €7,560[32]. Għalkemm il-konvenuta *qua* stralċarju tas-soċjetà The Cargo Handling Company Limited ippruvat targumenta li l-ħsarat riskontrati fit-trailer setgħu ġraw qabel ma nqaleb it-trailer fil-ħin li kien f'Laboratory Wharf, hija ma ressqet l-ebda prova in sostenn ta' dan. Di fatti mill-provi prodotti rriżulta li mhux żgur hemm dokumentazzjoni u osservazzjonijiet da parte tat-tally clerks jew nies oħra li kienu xogħol dakinhar dwar l-istat tat-trailer u wisq inqas dwar l-inċident in kwistjoni, u li jekk hemm tali dokumentazzjoni din ma tistax tinstab, tant li ovvjament ma ġietx

[31] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-10 ta' Jannar 2012, fol. 126 sa' 128 tal-proċess.
[32] Dok. "E7" a fol. 27 tal-proċess.

esebita fl-atti ta' dawn il-proċeduri. Kwindi l-unika prova sodisfaċenti li għandha quddiemha l-Qorti hija, appuntu, li waqt li t-trailer kien f'Laboratory Wharf, dan nqaleb bil-konsegwenza li ġarrab ħsarat.

Tramite x-xhud George Vassallo, is-soċjetà attriċi tikkontendi li t-trailer in kwistjoni nqaleb għaliex meta x-xufier tas-soċjetà kjamata in kawża Salv Meli & Sons Limited, ossia il-kjamat in kawża Manolito Magri, qala' l-karru bit-trailer minn maż-żiemel, dan ma ibbrejkjahx bil-konsegwenza li dan tbandal u nqaleb. Huwa veru li George Vassallo ma rax l-inċident jiġri u huwa veru wkoll li donnu ħadd ma ra eżatt kif seħħ dan l-inċident, iżda l-Qorti tqis li dak affermat minn Vassallo, affermazzjoni bbażata fuq snin twal ta' esperjenza jaħdem fil-port, huwa plawsibbli. Vassallo xehed - xhieda din li del resto ma ġietx kontradetta jew imxejna la mill-konvenuta u lanqas mill-kjamati in kawża - illi Manolito Magri qallu li huwa kien ħalla t-trailer hemm, ossia fl-istacking area ta' Laboratory Wharf, u li dan it-trailer waqa' waħdu. Din l-iskuża ġustament ma ġietx aċċettata minn Vassallo stante li kif korrettament osservat minnu, trailer ma jistax jaqa' waħdu iżda naturalment irid ikun hemm raġuni għalfejn dan ġara. Apparte l-fatt li l-iskuża li ġab Manolito Magri, l-aħħar persuna li kellu kuntatt ma' dan it-trailer, assolutament ma tagħmel l-ebda sens, Joseph Piccinino li fiż-żmien in kwistjoni kien *Operations Superintendent* mas-soċjetà The Cargo Handling Company Limited relattivament għall-vapuri li kienu jidħlu Malta, ikkonferma li bħala fatt kien jiġri li x-xufiera li kienu jieħdu t-trailers fl-istacking area ma kienux iqabbdu l-brejkijiet tal-karrijiet bit-trailers meta jaqalgħuhom minn maż-żiemel. Konferma tal-fatt li l-brekijiet tal-karru bit-trailer ma kienux ingaġġati tirriżulta minn dak affermat minn George Vassallo u minn James Borg u cioè li meta nġab il-forklift biex it-trailer jerġa' jiġi ddrittat, hekk kif dan beda jittella' l-karru beda miexi lura u kien Vassallo stess li, wara li waqaf l-operazzjoni, ingaġġa l-brejkijiet. Hawn ukoll dak affermat minn George Vassallo u minn James Borg ma ġie kontradett u kontestat bl-ebda mod la mill-konvenuta u lanqas mill-kjamati in kawża.

Stabbiliti dawn il-fatti jeħtieġ issa jiġi determinat min huwa responsabbli verso s-soċjetà attriċi għad-danni sofferti a kawża tal-ħsarat fit-trailers in kwistjoni.

Mill-provi prodotti jirriżulta li Laboratory Wharf kien jaqa' taħt ir-responsabilità tas-soċjetà The Cargo Handling Company Limited. Jirriżulta wkoll li The Cargo Handling Company Limited kienet tqabbad sub-contractors biex jagħmlu x-xogħlijiet meħtieġa senjatament lis-soċjetà White Brothers Limited biex tieħu ħsieb il-ħatt tal-vapuri u lis-soċjetà kjamata in kawża Salv Meli & Sons Limited biex tieħu ħsieb il-ġarr tat-trailers għal diversi postijiet f'Laboratory Wharf, inkluż għall-istacking area fejn fil-fatt seħħ l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri. Kif già iktar 'l fuq osservat jirriżulta li t-trailer in kwistjoni inqaleb minħabba il-fatt li l-kjamat in kawża Manolito Magri, dak iż-żmien impjegat mas-soċjetà kjamata in kawża Salv Meli & Sons Limited, a sua volta sub-contractor imqabbda mis-soċjetà The Cargo Handling Company Limited, ma qabbadx il-brejkijiet tal-karru tat-trailer.

Ladarba s-soċjetà The Cargo Handling Company Limited kienet responsabbli mill-ġestjoni ta' Laboratory Wharf u tal-merkanzija li tidħol hemm, isegwi li hija kienet responsabbli ukoll minn u għat-trailers li jkunu qegħdin f'Laboratory Wharf, inkluż għalhekk dawk it-trailers li jkunu qegħdin fl-area ta' l-istacking, bħal ma kien it-trailer in kwistjoni. Ladarba is-soċjetà The Cargo Handling Company Limited kienet

hekk responsabbli minn Laboratory Wharf isegwi li hija kienet direttament responsabbli lejn il-proprjetarji tat-trailers li jidħlu hemm u lejn il-konsenjatarji tal-merkanzija għas-salvagwardja ta' l-istess sakemm jibqgħu hekk ġewwa Laboratory Wharf.

Għalkemm l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri seħħ minħabba aġir, o meglio minħabba nuqqas da parte ta' tal-kjamat in kawża Manolito Magri, impjegat tas-soċjetà kjamata in kawza Salv Meli & Sons Limited, a sua volta sub-contractor tas-soċjetà The Cargo Handling Company Limited, dana l-istess inċident seħħ waqt li t-trailer in kwistjoni kien fil-pussess ta' u taħt il-kontroll u kustodja tas-soċjetà The Cargo Handling Company Limited. B'hekk u għal tali raġuni s-soċjetà The Cargo Handling Company Limited hija responsabbli verso s-soċjetà estera Parteno Group SrL, hawn rappreżentata mis-soċjetà attriċi, għall-inċident in kwistjoni u għall-konsegwenti ħsarat riskontrati fit-trailer proprjetà tagħha.

Fil-fehma tal-Qorti però hija responsabbli wkoll verso Parteno Group SrL, is-soċjetà kjamata in kawża Salv Meli & Sons Limited, sub-contractor tas-soċjetà The Cargo Handling Company Limited, *qua employer* tal-kjamat in kawża Manolito Magri. Din il-konklużjoni hija bbażata fuq il-prinċipji legali dwar ir-responsabilità enunċjati fl-Artikoli 1031 u 1032, senjatament is-subartikolu (1) ta' dan l-aħħar artikolu, tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta, illi jipprovdu li *kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu* [Artikolu 1031] u *jitqies fi ħtija kull min bl-għemil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja* [Artikolu 1032(1)], kif ukoll fuq il-prinċipju ta' *culpa in eligendo* enunċjat fl-Artikolu 1307 tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta - *kull min għal xi xogħol jew servizz ieħor iqabbad persuna mhux ta' ħila, jew illi hu ma jkollux raġun jaħseb li hija ta' ħila, hu obbligat għall-ħsara illi dik il-persuna, minħabba n-nuqqas ta' ħila tagħha, tikkaġuna lil ħaddieħor fl-esekuzzjoni tax-xogħol jew servizz hawn fuq imsemmi.*

Fir-rigward issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Express Trailers Limited v. Gollcher Company Limited noe et, Ċitaz. Nru. 2593/97** deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Marzu 2003, fejn is-soċjetà attriċi f'dawk il-proċeduri kienet qed tfittex għad-danni kawżati fi trailer di proprjetà tagħha. F'dik is-sentenza l-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili osservat illi *mill-istess xhieda tal-konvenut Jimmy Ciantar jirriżulta ċar li kieku s-sewwieq qagħad attent u kkawtela minimament ruħu kif normalment meħtieġ, żgur li l-inċident kien jiġi evitat. Ir-responsabilità tas-sewwieq, u konsegwentement dik tas-soċjetà White Brothers Limited, li kienet inkarigatu isuq it-trailer, hija għaldaqstant ċara u l-iskuża tiegħu li huwa ma setax jarah ma tistax tiġi aċċettata, għaliex huwa kellu jassigura ruħhu li qabel kull manuvra oħra li huwa seta' jsuq bla ma jikkawża ħsara lill-ħadd, lanqas lit-trailer tiegħu. Fil-fatt ix-xhieda tal-konvenut hija xejn iżjed minn auto-inkolpazzjoni, għaxliex fiha juri li huwa verament ma ħax il-prekawzjoni neċessarja sabiex jevita kull sinistru, iktar u iktar meta huwa kien ser isuq 'from a standing position', u wkoll meta ammetta li t-trailer l-ieħor, ma min huwa ħabat kien wieqaf fil-ħin ta' l-inċident. Illi dan kollu qed jingħad fid-dawl tal-prinċipji legali fi kwistjoni ta' responsabilità ta' inċident de quo jrid jiġi segwit dak li jingħad skond l-artikolu 1031 tal-Kap.16 u cioè li "kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu" (Paul Zahra v. Direttur tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi - A.C. 3 ta' Diċembru 1991). Illi ai termini ta' l-artikolu 1032 tal-Kap.16 "jitqies fi ħtija kull min bl-egħmil*

*tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja". Illi fis-sentenza 'Anthony Zerafa v. Joseph Sacco' (P.A. (RCP) 29 ta' Marzu 2001) ingħad illi "minn dawn l-artikoli kollha m'hemm l-ebda dubju li kull min minħabba n-nuqqas ta' attenzjoni tiegħu b'negliġenza u b'nuqqas ta' prudenza fil-grad rikjest mill-liġi jikkawża bl-atti jew bin-nuqqasijiet tiegħu jikkawża ħsara lill-ħaddieħor, għandu jirrispondi għal tali ħsara hekk ikkawżata, u dan jagħti lok kemm għall-azzjoni kriminali u kemm għall-azzjoni ċivili. Illi għal dak li tirrigwarda l-azzjoni ċivili, din tirrisolvi ruħha f'kawża għal dikjarazzjoni tar-responsabilità u għall-ħlas ta' l-eventwali danni sofferti nklużi damnum emergens u lucrum cessans inkluż f'każ ta' diżabilità permentni dak stipulat fl-artikolu 1045". Illi naturalment, il-fatt li l-istess konvenut kien impjegat tas-soċjetà White Brothers Limited jirrendi l-istess soċjetà wkoll responsabbli għad-danni kemm verso s-soċjetà li nkarigata, li mill-provi jirriżulta li kienet is-soċjetà Gollcher Company Limited, tant li hija kienet qed tagħmel dan ix-xogħol bħala sub-contractor tagħha, u kemm lejn is-soċjetà attriċi, li kienet oriġinarjament inkarigat lill-aħħar imsemmija soċjetà sabiex tniżżel il-merkanzija fil-port ta' Malta. Illi dan huwa wkoll abbażi ta' dak li ngħad fis-sentenza "Emmanuel Sammut et v. Chief Government Medical Officer et" (P.A. (RC) - 12 ta' Diċembru 2002) fejn il-kunċett ta' culpa in eligendo konformament mal-ġurisprudenza nostrali ġie applikat mhux biss għall-mument meta l-istess persuna tiġi ngaġġata, iżda estiż ukoll sabiex jikkomprendi wkoll jekk dik il-persuna li effettivament ħadmet taħt inkarigu tagħha, tkun għamlet ix-xogħol b'negliġenza u nuqqas ta' ħila skond id-disposizzjonijiet fuq ċitati u l-artikolu 1037 tal-Kap.16. Dan ukoll apparti dak li hemm provdut fl-artikolu 1642 tal-Kap.16 fejn "l-appaltatur huwa tenut li jwieġeb għall-egħmil tan-nies li jħaddem".*

Għalkemm il-fattispecie tal-każ li dwaru ngħatat is-sentenza hawn appena ċitata huma differenti mill-fattispecie tal-każ in eżami, il-prinċipji ġuridiċi dwar ir-responsabilità hemm enunċjati japplikaw fil-każ in eżami wkoll.

Fir-rigward tal-prinċipju ta' *culpa in eligendo* issir referenza wkoll għas-sentenza fl-ismijiet **Francis Bellizzi et v. Polidano Group Limited, Rikors Nru. 1245/10** deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Jannar 2020, fejn ingħad illi *l-culpa in eligendo ilha żmien abbandunata f'ordinamenti ġuridiċi oħrajn. Għalkemm baqgħet fuq it-test leġislattiv, il-ġurisprudenza ittemperat sewwa t-tifsira u l-effetti tiegħu. Gja nofs seklu ilu, il-Qorti ta' l-Appell irrakkomandat bidla fil-liġi biex tiġi tixbaħ iktar lill-Art. 2049 tal-Kodiċi Ċivili Taljan. Ingħad li ladarba l-persuna nkarikata kkawżat dannu, isegwi li ma kinitx kompetenti f'xogħlha, u għall-konsegwenzi ta' dik l-inkompetenza għandhom ibatu ukoll is-sidien. Il-culpa in eligendo llum tinkludi r-responsabilità ta' persuna għall-atti ta' l-impjegati tagħha li jikkawżaw danni lil terzi.*

Fid-dawl ta' dan kollu osservat jirriżulta għalhekk li, minkejja l-Kapitolu mistqarr fir-rigward tal-kjamat in kawża Manolito Magri, is-soċjetà kjamata in kawża wkoll hija responsabbali versu s-soċjetà attriċi għall-ħsara kawżata fit-trailer ta' Parteno Group SrL, u għaldaqstant għandha tinsab hekk responsabbli flimkien u in solidum mal-konvenuta *qua* stralċarju tas-soċjetà The Cargo Handling Company Limited.

In kwantu rigwarda d-danni reklamati mis-soċjetà attriċi, dawn jikkonsistu fis-somma ta' €7,560.00 rappreżentanti spejjeż biex tissewwa l-ħsara kawżata lit-trailer tas-soċjetà Parteno Group SrL u fis-somma ta' €1,000 rappreżentanti *loss of use*.

Għalkemm fir-rigward tal-*loss of use* George Vassallo xehed illi *t-tiswijiet damu għaddejjin xi għaxart ijiem u saru mill-istess Univan. Għal dak li huwa loss of use qegħdin nitolbu mitt euro kull jum ħaqq il-prezz tal-leasing. In effetti l-loss of use jiswa ħafna iktar għax f'għaxart ijiem nagħmel ġiex vjaġġi u l-profitt ta' ġiex vjaġġi huma miżerament seba' mitt euro kull vjaġġ*, il-Qorti tqis li din ix-xhieda waħedha mingħajr prova korroborattiva ulterjuri ma hijiex affattu suffiċjenti u sodisfaċenti biex tipprova li s-soċjetà Parteno Group SrL effettivament bagħtiet *loss of use* u per di più fl-ammont minnha reklamat.

In kwantu rigwarda s-somma pretiża rappreżentanti spejjeż inkorsi għat-tiswija tal-ħsarat fit-trailer, George Vassallo xehed li s-soċjetà attriċi ma hijiex qed tippretendi l-IVA li tirriżulta mid-dokument markat Dok. "E7" a fol. 27 tal-proċess. L-IVA kif tirriżulta mill-imsemmi dokument tammonta għa €1,260 filwaqt li l-ispejjeż relattivi għat-tiswijiet jammontaw għal €6,300 u huwa dan l-ammont li qed tippretendi ħlas tiegħu - u effettivament għandha dritt għall-ħlas tiegħu - is-soċjetà attriċi.

Konsegwentement għalhekk u fid-dawl tad-dikjarazzjoni ta' responsabilità enunċjata iktar 'l fuq f'din is-sentenza, il-konvenuta *qua* stralċarju tas-soċjetà The Cargo Handling Company Limited u s-soċjetà kjamata in kawża Salv Meli & Sons Limited għandhom, flimkien u solidalment bejniethom, iħallsu lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €6,300 rappreżentanti l-ispejjeż inkorsi biex saru t-tiswijiet fuq it-trailer ta' Parteno Group SrL wara li dana waqa' nhar it-30 ta' April 2006 waqt li kien fl-istacking area f'Laboratory Wharf.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

1. Fid-dawl tad-dokument markat Dok. "P" esebit mis-soċjetà attriċi a fol. 108 tal-proċess, tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta' l-ewwel eċċezzjoni preliminari sollevata mis-soċjetà The Cargo Handling Company Limited u ta' l-ewwel eċċezzjoni preliminari sollevata mis-soċjetà kjamata in kawża Salv Meli & Sons Limited;
2. Tiċħad it-tieni eċċezzjoni preliminari, ossia l-eċċezzjoni li l-azzjoni attriċi hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 65 tal-Kap.352 tal-Liġijiet ta' Malta, sollevata mis-soċjetà The Cargo Handling Company Limited;
3. Tiċħad it-tieni eċċezzjoni preliminari, ossia l-eċċezzjoni tan-nullità tar-Rikors promotur, sollevata mis-soċjetà kjamata in kawża Salv Meli & Sons Limited;
4. Tiċħad it-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet, entrambe eċċezzjonijiet fil-mertu, sollevati mis-soċjetà The Cargo Handling Company Limited;
5. Tiċħad it-tielet eċċezzjoni preliminari sollevata mis-soċjetà kjamata in kawża Salv Meli & Sons Limited u tiċħad ukoll ir-raba' eċċezzjoni, ossia l-eċċezzjoni fil-mertu, sollevata mill-istess imsemmija soċjetà kjamata in kawża Salv Meli & Sons Limited;
6. Tilqa' il-ħames eċċezzjoni, din ukoll eċċezzjoni fil-mertu sollevata mis-soċjetà The Cargo Handling Company Limited; u
7. Konsegwentement, filwaqt issib lill-konvenuta *qua* stralċarju tas-soċjetà The Cargo Handling Company Limited u lis-soċjetà kjamata in kawża Salv Meli & Sons Limited, responsabbli flimkien u solidalment bejniethom għall-ħsarat kawżati lit-

trailer numru AD14579 proprjetà tas-soċjetà Parteno Group SrL, meta dan inqaleb fit-30 ta' April 2006 waqt li kien fl-istacking area ta' Laboratory Wharf, tikkundanna lill-konvenuta *qua* stralċarju tas-soċjetà The Cargo Handling Company Limited u lis-soċjetà kjamata in kawża Salv Meli & Sons Limited, sabiex flimkien u solidalment bejniethom iħallsu s-somma ta' €6,300 rappreżentanti spejjeż inkorsi għar-riparazzjoni tal-ħsarat kawżati lit-trailer in kwistjoni, bl-imgħax legali dekoribbli mill-21 ta' Frar 2008, id-data tan-notifika tar-Rikors promotur lis-soċjetà kjamata in kawża Salv Meli & Sons Limited, sad-data ta' l-effettiv pagament.

Fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom jiġu sopportati mill-konvenuta *qua* stralċarju tas-soċjetà The Cargo Handling Company Limited u s-soċjetà kjamata in kawża Salv Meli & Sons Limited, flimkien u solidalment bejniethom.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**